**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 277 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Clayton Camilleri)**

**vs.**

**Tarquin Vella**

Illum, **23 ta' Marzu 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Tarquin Vella, detentur tal-karta tal-identita' nru. 405690 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Talli saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG 287 ta' ghamla Toyota u saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
2. Kif ukoll talli saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert b' polza ta' sigurta' dwar ir-rirskji ghat-terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skond termin tal-Artikolu 15 (4) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Dicembru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 3 (1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta iddikjarat lill-imputat Tarquin Vella hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ikkundannatu ghal multa ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ghal perjodu ta' tliet xhur prigunerija.

In oltre il-Qorti ai termini tal-Artikolu 3 (2A) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat l-iskwailifika tal-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal tnax il-xahar minn meta huwa jiskonta l-pieni li ghalihom qieghed jigi detenut gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Rat ir-rikors tal-appellanti Tarquin Vella minnu pprezentat fl-14 ta' Dicembru, 2020, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza tat-3 ta' Dicembru 2020 moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti billi filwaqt li:

(a) tikkonfermha kwantu sabitu hati li saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG 287 minghajr licenzja u prefiggiet multa ta' mitejn tnejn u tletin ewro (€232) meta ma' kienx kopert permezz ta' licenzja tas sewqan valida fil-ligi; u (b) tirrevoka kwantu sabitu hati tat-tieni akkuza kif dedotta u kkundannatu ghal tnax-il xahar sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u tlett xhur prigunerija u dan skont dawk il provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. **Provi Prodotti mill-Prosekuzzjoni**

Illi l-prosekuzzjoni, fil-konfront ta' l-esponenti, naqset meta hija ma ressqitx dawk il-provi li jimmilitaw favur l-esponenti u li ndubjament kienu jwasslu ghal ezitu divers.

Naqset milli tressaq provi bizzejjed minkejja li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija, stante li ma resqu ebda prova li juri jekk il-vettura in kwistjoni kinietx koperta b'polza ta' sigurta' jew le. Minkejja li l-appellant naqas milli jgib prova dwar jekk il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG 287 kinietx assigurata jew le, dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ma kelliex l-obbligu li tressaq dik il-prova

rikjesta mil-ligi sabiex jippruvaw jekk il-vettura kinietx assigurata jew le, u dan in linea ma' gurisprudenza kopjuza tal-Qrati taghna:

> "*Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat beyond reasonable doubt. Minn naha l-ohra d-difiza msahha bil-prezunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita', jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakuntat mill-akkuzat kif korrobat mic-cirkostanzi jew le. Dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre kull dubbju dettat mir-raguni u fkaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kkunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera*". ***(Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno Bezzina[1]).***

Illi ghandu jinghad ukoll li l-prosekuzzjoni kienet harget akkuzi kontra s-sid tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG 287 u jigifieri kontra Shawn Fenech (K.I 71089M), li ddecieda li ma jixhidx quddiem I-Ewwel Onorabbli Qorti f'dawn il-proceduri stante li kien hemm pendenti l-appell f'kawza fejn hu kien imputat b'akkuzi relatati mal-istess incident tal-appellant.

Illi l-prosekuzzjoni fil-kawza **Il-Pulizija vs Shawn Fenech** [2]quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienet ressqet ix-xhud Stephen Cachia. Il-prosekuzzjoni ressqet dan l-istess xhud f'dawn il-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti rigward l-istess akkuzi u ncident ta' dawn il-proceduri.

Illi Stephen Cachia fil-kawza **il-Pulizija vs Shawn Fenech** li dak iz-zmien kien inkarigat ma' Transport Malta, gie mitlub sabiex jezebixxi l-affidavit tieghu fejn ikkonferma li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG287 (u jigifieri l-istess vettura in kwistjoni f'dawn il-proceduri) kienet rregistrata fuq Shawn Fenech, li l-licenzja tal-vettura kienet imhallsa u li kien hemm ukoll assikurazzjoni mahruga minn Gasan Mamo Insurance li kienet tkopri l-perjodu bejn it-22 ta' Dicembru 2015 u t-28 ta' Frar 2017.

Illi Stephen Cachia f'dawn il-proceduri u prodott mill-prosekuzzjoni, xehed biss rigward fuq min kienet irregistrata l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAG

[1] Deciza fl-24 ta' Marzu 2003 Appell Kriminali sede superjuri
[2] Deciza quddiem I-istess Qorti nhar l-4 ta' Dicembru 2006

287, fejn ikkonferma li l-vettura dakinhar tal- incident kienet irregistrata fuq Shawn Fenech, izda naqas milli jikkjarifika jekk il-vettura kinitx assikurata jew le u dan kif evidentament seta' jaghmel peress illi kkonferma dan fil-kawza **<u>Pulizija vs Shawn Fenech</u>**, aktar il-fuq citata.

Illi gialadarba Stephen Cachia seta' jikkonferma li l-vettura kienet assigurata f dawn il-proceduri bhal m'ghamel fil-proceduri fil-konfront ta' Shawn Fenech, il-prosekuzzjoni ma tistax tghid li ppruvat il-kaz taghha ta' htija u ghaldaqstant la l-prosekuzzjoni setghet tressaq din il-prova, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx tiddependi biss fuq il-provi tad-difiza sabiex tipproduci certifikat tal-assigurazzjoni, meta l-prosekuzzjoni kienet taf bic-cert li kien hemm polza valida, izda ghal xi raguni jew ohra ddecidiet li ma tressaqiex.

Illi l-Ispettur Josric Mifsud flimkien mal-prosekuzzjoni kien fid-dover li jgib kull prova neccessarja u dan ai termini tal-**artikolu 346 (1) ta' Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta fejn tali artikolu jistipula li:

> "*huwa dmir tal-Pulizija li zzomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma thallix isiru reat u, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tigbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun ghamlet dak ir-reat, u li ggib il hatjin, kemm l-awturi kemm il-komplici quddiem l-awtorita gudizzjarja.*"

Illi fl-ahhar lok u in vista tal-fuq espost u ai fini tal-Artikolu 3 (1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, jidher bic-car illi la darba l-vettura kienet assigurata dakinhar tal-incident, l-appellant kien protett ukoll b'tali polza u ma seta jinstab qatt hati tat-tieni akkuza u cioe li saq vettura li ma kienitx koperta b'polza ta' l-assikurazzjoni favur terzi.

**2. Piena eccessiva**

Illi kwantu ghall-piena u fic-cirkostanzi tal-kaz, specjalment il-piena karcerarja ta' tliet xhur prigunerija, din hija sproporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi.

Illi kwantu jirrigwarda l-piena karcerarja, jigi osservat li din giet inflitta stante li l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-esponenti hati tat-tieni akkuza kif dedotta u cioe li huwa ma kienx kopert b'polza ta assikurazzjoni valida.

a. Illi a skans ta' repitizzjoni, u kif sottomess aktar il-fuq, l-Ewwel Onorabli Qorti ma setghet qatt issib lil esponenti ta din l-akkuza u ghalhekk il-piena karcerazja nflitta ma hix applikabbli stante li jigi sottomess li huwa kellu jigi liberat minn din it-tieni akkuza.

b. illi anke jekk ghal mertu tal-argument, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, minbarra l-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel apprezzament tal provi xieraq, meta giet sabiex tikkunsidra dwar il-piena, ma tatx ragunijiet sostanzjali ghaliex waslet ghal dik il-piena, izda sempliciment citat i-ligi minghajr ebda kunsiderazzjonijiet taghha u ghaliex waslet ghal dik id-decizjoni. Illi minghajr pregudizzju, -appellant ghandu jinghata l-opportunita sabiex jiriforma ruhu specjalment in vista tal-fatt li llum il-gurnata jidher li lest jaccetta r-responsabbilta' t'ghemilu.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza "**Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** [3], il-Qorti qalet illi:

> "*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputot fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta.... Illum il-kuncett m'huwiex aktar ta' plena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba*".

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal dak li nghad, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib htija fl appellant, hija ghandha tbiddel il-piena fil-kwantità taghha u dan sabiex jinholoq bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett tal-gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-llum.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors fis-seduta tat-2 ta' Marzu. 2021.

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jilmetna li l-prosekuzzjoni ma resqitx l-ahjar prova u li ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija fil-konfront tal-appellant odjern u dan limitatament fir-rigward tat-tieni akkuza. Illi donnu l-appellant qed isostni li l-proekuzzjoni naqset mili tressaq prova dwar il-fatt li huwa makeinx kopert b'licenzja tas-sewqan fil-jum meta gie imwaqqaf u isnab qed isuq minghajr licenzja tas-sewqan.

Illi ghalhekk din l-Onorabbli qorti kellha tesamina l-provi prodotti biex tara jekk is-sentenz amoghtija mill-ewwel Qorti kienet wahda *safe and satisfactory.*

Rat li fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2021 l-prosekuzzjoni esebiet l-affidavit ta' **PS 1122**[4] flimkien mal-okkorenza ta l-incident. PS 1122 jghid li nhar l-4 ta' Dicembru2016 waqt likien xoghol l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla hareg jghamel kontroll fi toroq ma xi kollegi skond l-Ordni li kellu bil-miktub mis-superjuri tieghu u dan il-kontroll sar fi Triq Ghajn Dwieli fil-limiti ta' Bormla. Waqt dan il-kontroll ghal habta tal- 22.58p.m waqqaf vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni BAG 287 u din kienet qed tinsaq minn Tarquin Vella detentur tal-karta ta' identita numru 405690M.

Jghid li Tarquin Vella l-appellant iddikjara li ma kellux licenzja tas-sewqan fuqu dak il-hin ghalhekk intghalab jipproduci din fi zmien 48 siegha izda Vella baqa' ma pproduciex l-licenzja tieghu, ghalhekk iccekja ma Transport Malta fejn irrizultalu li fil-fatt Tarquin Vella ma kellux licenzja tas-sewqan. Irizultalu ukoll li l-vettura BAG-287 kienet irregistrata fuq isem Shaun Fenech u li nhargu l-akkuzi fil-konfront ta' dan. Xi granet wara kellem lil Tarquin Vella fejn dan qal li sa fejn jaf hu kellu licenzja pero ikkonferma li skond Transport Malta huwa ma kellux licenzja tas-seqan u ghalhekk wissih sabiex ma jsuqx sakemm jkollu licenzja valida u infurmah li ser jinahrgu dawn l-akkuzi.

l-prosekuzzjoni esebiet ukoll l-affidavit ta' **Stephen Cachia**[5] ghan nom u in rappresentanza ta' Transport Malta u dan kkonferma li minn indagini li huwa

[4] Fol. 2
[5] Foll. 8

ghamel fir-rekords ta' l-Awtorita irrizulta illi tarquin Vella detentur tal-karta ta' identita numru 405690(M) ma kellu l-ebda kategorija ta' licenzja tas-sewqan.

Ikkunsidrat.

Illi ghalhekk bhala fatti jirrizulta li l-appellant gie imwaqqaf nahr l-4 ta Dicembru 2016 waqt li kien qed isuq il-vettura BAG 287 gi Triq Ghajn Dwieli Bormla meta ma kelluxli cenzja tas-sewqan. Illi dwar din l-akkuza ta sewqan bla licenzja jidher li l-appellant ma hux qed jappella.

Fir-rigward tat-tieni akkzua u cioe talli saq il-vettura BAG 287 meta ma keinx kopert bi polza ta sigurta jirrizulta li fl-atti ma hemm l-ebda prova i tindika li filf-att kien kopert b'xi polza ta sigurta. L-appelalnt isostni li kellha tkun l-prosekuzzjoni li tipprova dan il-fatt u dan in ommagg mal-principju generali li hiaj l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hin minn kul dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk l-appellant stqar li statne li l-prosekuzzjoni naqset li tagheml dan l-Qorti m 'ghandhiex isisb lill-appellant hati ta din it-tieni akkuza.

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Plamen Petkov**[6] u **Il-Pulizija**

**Vs Jonathan Grech**[7]:-

> *"…. gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija vs. Peter Paul Micallef***[8] *meta kienet saret ukoll riferenza ghas-sentenza* ***Il-Pulizija vs. Carlo Abela***[9] *fejn din il-Qorti irriteniet li galadarba persuna ma jkollhiex licenzja tas-sewqan, hi ma tistax tkun koperta b' polza ta' assikurazzjoni u fil-fatt dik hi l-pozizzjoni legali , ghax galadarba jigi pruvat li d-driver ma jkollux driving licence, ebda insurance ma tkoprieh. Jekk umbaghad id-driver ikun daqstant fortunat li jsib xi assikurazzjoni li lesta li tkoprieh anki meta ma jkunx licenzjat biex isuq , jispetta lilu biex jaghmel il-prova ta' tali kopertura u mhux lill-Prosekuzzjoni li tipprova li dik il-karozza partikolari ma kienetx koperta b' polza ta' assikurazzjoni jew li tali assikurazzjoni ma tkunx*

[6] Deciz nhar it-2 ta' Novembru 2006
[7] Deciz nhar il-25 ta' Jannar 2007
[8] Deciz nhar it-18 ta Settembru 2002
[9] Deciz nhar il-15 ta' Lulju 1996

*tkopri lil dak id-driver. Biex issir tali prova altrimenti kull darba jkunu iridu jigu prodotti bhala xhieda r-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha li joperaw f' Malta u Ghawdex biex jiddikjaraw jekk hemmx polza ghall-dik il-vettura jew le u f' kaz li iva jekk id-driver individwalment hux kopert '.*

F'kull kaz, anki kieku il-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull driver li jirkeb fiha,ikunx licenzjat jew le, ikun ukoll kopert b'polza kontra r-riskji tat-terzi persuni ghax jistghu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b' polza partikolari.

Illi l-**artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104** tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li :-

> *"Hadd ma jista' juza ...... vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura* ***MINNU*** *[10] ...... ma tkunx tezisti polza ta' sikurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni...."*

Illi it-test tal-ligi Ingliza li tkopri dil-materja u cioe' **Sec.143 (1) (a) tar-Road Traffic Act** huwa kwazi identiku ghall-dan l-artikolu w jghid testwalment :-

*"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle BY THAT PERSON (emfasi tal-Qorti) such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."*

Illi l-pozizzjoni fil-ligi u l-Qrati Inglizi hi hekk ukoll. Di fatti kif jghid l-**ARCHBOLD**[11] fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza:-

> *"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time:* ***Philcox vs. Carberry*** *[12]"*

Illi saret f' dik is-sentenza riferenza ukoll ghall **Criminal Law Review**, 1960 li b' riferenza ghal din is-sentenza fuq citata , kkumenta hekk :-

---

[10] *emfasi ta' din il-Qorti*
[11] Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998 , London, Sweet & Maxwell , p.2417
[12] 1960} Crim. L.R. 563 , D.C.

*"It is an established rule of evidence that where the truth of the party's allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponent , the burden of disproving it lies upon the latter.[13]" In the Criminal Law, it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases . It was stated by* ***Talbot J****., obiter , in* ***Williams v. Russell***[14]*, that on a charge of using a motor vehicle without there being in force a policy of insurance , the onus was on the accused to prove he had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case ."*

Umbaghad BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE [15] jghid:-

*"In the case of driving without a licence, it is for the accused driver to prove that he is insured . (****Williams v. Russell***[16]*;* ***Philcox v. Carberry***[17]*).*

Ghalhekk l-appellant ma kellux ragun meta jghid li kien jispetta lill-prosekuzzjoni tipprova l-akkuza taghha u cioe li l-appellant ma kienx kopoert b'licenzja tas-sewqan meta gie imwaqqaf minn PS 1122 nhar l-4 ta' Diembru 2016.

Dwar il-pien ainflitta l-appellant ukoll intavola aggravju u stqar li l-piena inflitta kient wahda eccessiva u mhux idoneja fic-cirkostanzi.

Jinghad li dwar l-ewwel akkuza u cioe talli saq minghajr ma kien kopert b'licenzja tas-sewqan ai termini tla-artikolu 15 (1) (a) tal kap 65 tal-ligijeit ta Malta l-piena li l-ewwel Qorti setghet tinflingi hija dik prospettata fil-proviso tal-artikolu 15 (1) (a) tal-kap 65 tal-ligijiet ta' Malta u cioe *'il-piena tal-multata' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerijata' mhux iżjed minn sena'* . Filwaqt li fir-rigward tat-tieni akkuza u cioe li huwa saq il-vettura minghajr ma kien kopert bi polza ta' sigurta ai termini tal-artikolu 3 (1) tal-kapitolu 104 tal-ligjiet ta' Malta f'kaz ta htija l-piena li tista tigi komminata skond l-artikolu 3 (2) (a) tal-kapitolu 104 tal-ligjiet ta' Malta *'fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas elfejn,tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbatelef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa usebgħin ċenteżmu*

[13] {Halsbury's Laws of England , 3rd. ed. Vol.15 ,270
[14] (1933) 149 L.T.190
[15] (1992) [Blackstone Press Limited , p.1788
[16] [1933] 149 LT 190
[17] [1960] Crim. L.R. 563

*(€4,658.75) jew priġunerija għalżmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;'*

Illi fil-kaz odjern jirizulta li l-appellant huwa '*a first time offender*' u dan ghaliex fl-atti ma hemmx esebita l-fedina penali tieghu. Ma jirrizultax li l-appellant kellu xi investru waqt li kien qed isuq il-vettura u ghalhekk fil-fehma ta' din l-Onorabbli Qorti l-piena li giet moghtija ghalkemm fil-parametri tal-ligi hija ftit jew wisq eccessiva.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tal-mertu pero qeda tirriformaha fir-rigward tal-piena inflitta billi qeda tikkonfermaha fir rigward tal-hlas tal-multa ta' €232 fir-rigward tal-ewwel akkuza pero' qeda tirriformaha fir-rigward tat-tieni akkuza billi minnflok ma tikkundannah ghal tlett xhur prigunerija effettivi qeda tordna li l-piena inflitta ta' tlett xhur tigi sospiza ghall-perijou ta sena mill ullum ai termini tal-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li l-multa inflitta tithallas sa mhux aktar tard mit-30 ta' April, 2021.

Qeda ukoll ai termini tal-artikolu 3(2)(A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligjiet ta' Malta tikkonferma l-ordni ta' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' sena mill-illum li tibda' ssehh minn nofs il-lejl (12 pm) tal-lum.

Tordna li kopja ta din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tat-Transport Malta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur